

Brussell, 29 ta' April 2026
(OR. en)

7984/26

ECOFIN 416
UEM 127
STATIS 20
ECB
EIB

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar membru tal-Kumitat Konsultattiv Ewropew tal-Istatistika li jirrappreżenta lill-Kunsill (Kirchner)

1. Il-Kumitat Konsultattiv Ewropew tal-Istatistika (ESAC) ġie stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 234/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008. L-għan tiegħu huwa li jikkontribwixxi għal kooperazzjoni mill-qrib fil-proċess tal-ippjanar tal-programmi sabiex titjeb il-governanza tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika u titjeb il-kwalità tal-istatistika Komunitarja.
2. F'konformità mal-Artikolu 4(b)(ii) tad-Deċiżjoni msemmija hawn fuq, membru wieħed tal-ESAC għandu jinħatar direttament mill-Kunsill.
3. Ir-rappreżentant attwali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-ESAC, is-Sinjura Ylva HEDÉN WESTERDAHL, li serviet l-ewwel mandat ta' ħames snin minn Jannar 2024, irriżenjat fit-18 ta' Diċembru 2025.

4. Huwa għalhekk meħtieġ li jinħatar membru ġdid li jirrappreżenta lill-Kunsill għall-bqija tal-mandat, li jintemm fl-10 ta' Frar 2029. Għaldaqstant jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ b'urġenza.
5. Fis-26 ta' Marzu 2026 il-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju rrakkomanda li l-Kunsill jaħtar lis-Sur Robert Kirchner bħala l-Membru l-ġdid li jirrappreżenta lill-Kunsill fl-ESAC.
6. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jistieden lill-Kunsill jadotta Deċiżjoni dwar il-ħatra tal-membru tal-Kumitat Konsultattiv Ewropew tal-Istatistika li jirrappreżenta lill-Kunsill, kif tinsab fid-dokument ST 7986/26, bħala "Punt A" f'waħda mill-laqgħat tiegħu li jmiss.
